MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 308/2005

**Raymond Schembri**

**Vs**

**George Spiteri u b'digriet tat-Tribunal tad-29 t'April, 2004 gew kjamati in kawza Gordon Valentino u S.G. South Limited**

**It-Tribunal**

Ra t-talba ta' l-attur li biha talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti ammont dovut lill-attur ghas-senserija dovuta lilu kif miftiehem bejn il-partijiet u dan ghall-bejgh tal-fond 7/8, Triq it-Twila, Zebbug.

Ra r-Risposta ta' George Spiteri li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu

michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-konvenut kien hallas is-somma ta' tlett elef tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,392.50c) bhala flus ghas-servizz ta' senserija lis-socjeta' S.G. South Limited kif jirrizulta mill-ircevuta annessa fl-atti u liema socjeta' tramite Gordon Valentino, wieghdet li ser thallas lill-attur kwalunkwe somma li tista' tkun dovuta lilu ghas-servizzi ta' senserija.

Illi ghalhekk jidher illi Gordon Valentino f'ismu proprju jew ghan-nom ta' S.G. South Limited ircieva flus destinati ghall-attur minghand il-konvenut u konsegwentement jezistu ragunijiet sabiex l-istess Gordon Valentino f'ismu proprju jew ghan-nom ta' S.G. South Limited jigi kjamat in kawza sabiex jirrispondi ghat-talbiet ta' l-attur.

Illi in segwitu gew imsejhin fil-kawza Gordon Valentino u S.G. South Limited liema kjamati fil-kawza ghalkemm debitament notifikati baqghu ma wiegbux ghall-kawza.

Sema' x-xhieda ta' George Spiteri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-Kapitolu pprezentat mill-attur fil-konfront ta' Gordon Valentino u S.G. South Limited, liema Gordon Valentino u S.G. South Limited imsejhin tlett darbiet ma dehrux ghas-seduta tas-7 t'Ottubru, 2005 u lanqas ghas-seduta tal-lum u ghalhekk il-Kapitolu fil-konfront taghhom qieghed jigi meqjus bhala mistqarr.

Illi inoltre, mix-xhieda ta' George Spiteri jirrizulta illi meta nbiegh il-fond in kwistjoni, da parti tieghu huwa ftiehem ma' Raymond Schembri illi huwa jtih is-somma ta' tmienja w erbghin elf lira Maltin (Lm48,000) f'idejh u cjoe' li ma jhallas l-ebda senserija u ghalhekk l-istess George Spiteri m'huwiex tenut li jhallas l-ebda senserija lill-attur.

Jidher mill-atti illi fil-fatt li gara kien illi l-proprjeta' in kwistjoni nbieghet aktar mill-prezz li ried f'idejh l-istess George Spiteri u li d-differenza thallset lil S.G. South Limited li kienet qieghda tigi rapprezentata minn Gordon

Valentino li ha l-obbligu biex ihallas lill-attur – li fil-fatt m'ghamilx.

In vista tal-premess it-talba ta' l-attur kif dedotta ghandha tigi milqugha esklussivament fil-konfront ta' l-imsemmija msejhin fil-kawza Gordon Valentino u S.G. South Limited in solidum bejniethom, izda fir-rigward tal-konvenut George Spiteri, t-talba attrici ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba fil-konfront tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' Gordon Valentino u S.G. South Limited solidarjament bejniethom u b'hekk jikkundannhom sabiex solidarjament bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bl-interessi. L-ispejjez huma a karigu tal-kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------